# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

# ILLUM, il-Hamis 2 ta' Marzu, 2017

**Rik. Nru. 54/17JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 54/17 fl-ismijiet:

**APASSIONATA PARK MUNCHEN GmbH & Co KG** debitament rappreżentata hawn Malta mill-Avukat Dottor Adrian Camilleri

vs

**ST GEORGE EDITION LIMITED** (C – 40902)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-13 ta' Jannar, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbet li l-Qorti żżomm lill-kumpannija intimata milli "b'xi mod tittermina t-"*Trademark License Agreement*" datat 1 ta' Frar, 2016, in konnessjoni mal-użu tal-marka "*Apassionata*" għal "*production, promotion, performance and marketing of a local equestrian show in Munich Germany*" hawn anness";

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Jannar, 2017, li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-kumpannija intimata bi żmien għaxart

ijiem għat-Tweġiba, u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tas-26 ta' Jannar, 2017;

Rat illi l-kumpannija intimata laqgħet formalment in-notifika tal-atti tar-Rikors waqt is-smigħ tad-9 ta' Frar, 2017;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-kumpannija intimata fl-20 ta' Frar, 2017, li biha laqgħet għat-talba tar-rikorrent *nomine* billi qalet li la jeżistu l-elementi maħsuba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub u lanqas ir-raġunijiet li jiġġustifikaw dak mitlub mill-istess kumpannija rikorrenti. B'mod partikolari u bla ħsara għall-kwestjoni dwar jekk l-imsemmi kuntratt jiswiex, tgħid li hija ma tistax titwaqqaf milli tagħmel dak li, fl-istess kuntratt li fuqu tistrieħ il-kumpannija rikorrenti, huwa mogħti lil kull parti f'waħda mill-kundizzjonijiet miftehma u jiġifieri l-jedd li toħroġ mill-kuntratt għal raġuni tajba;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Frar, 2017, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li l-kumpannija rikorrenti (minn issa 'l hemm imsejħa "APM") trid li żżomm lill-kumpannija intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "STG") milli ttemm ftehim li jidher li sar bejniethom fl-1 ta' Frar tal-2016 u msejjaħ "*trademark license agreement*"[1] (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-ftehim") li bih APM ingħatat il-liċenza minn STG biex tinqeda b'marka dwar spettaklu taż-żwiemel fil-belt ta' Munich, fil-Ġermanja, għaż-żmien u taħt il-kundizzjonijiet hemm imfissra u liema ftehim kellu jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru, 2019, iżda li seta' jiġġedded fuq talba tal-liċenzjat (APM);

Tqis li l-ftehim kellu klawsola[2] li tgħid li kull waħda mill-partijiet kellha l-jedd li ttemm il-ftehim f'kull waqt għal raġuni tajba, u fiha tniżżlet lista ta' ħwejjeġ jew ċirkostanzi li jitqiesu bħala 'raġuni tajba';

[1] Dok "AP1", f'paġġ. 4 sa 17 tal-atti
[2] Klawsola 10.2

Tqis li APM tibża' li STG sejra tħassar il-ftehim bħalma għamlet f'Diċembru tal-2016 lil kumpannija oħra bl-isem ta' Apassionata World GmbH;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[3];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li l-parti rikorrenti turi żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqilha tikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li trid turi hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnha. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[4]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[5];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[6]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

---

[3] Art. 873(1) tal-Kap 12

[4] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

[5] Art. 875(3) tal-Kap 12

[6] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

Tqis li l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[7], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat[8];

Tqis li ngħad ukoll li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għall-kumpens kwantifikabbli u l-ħlas tad-danni[9];

Tqis li għal dak li jirrigwarda l-jedd mad-daqqa t'għajn, APM tgħid li hija għandha d-dritt li tibqa' tgawdi l-benefiċċji mogħtijin lilha bil-kuntratt li għamlet ma' STG u li din tal-aħħar ma ttemmx dak l-istat legali maħluq bejniethom;

Tqis li mhuwiex xogħol din il-Qorti li tgħid jekk huwiex minnu jew le li l-kuntratt jiswa jew huwiex milqut minn difetti li jagħmluh ma jgħoddx. Dik hija ħaġa li ma tidhirx mad-daqqa t'għajn u żgur mhijiex kwestjoni li wieħed jaqtagħha bil-proċedura *prima facie* li tagħmel mill-proċediment tal-ħruġ ta' Mandat bħal dan mitlub illum;

Tqis li, lil hinn minn jekk il-kuntratt jiswiex, jirriżulta li ż-żewġ partijiet taw lilhom infushom il-jedd li, unilateralment, itemmu r-rabta kuntrattwali li f'xi waqt riedu joħolqu bejniethom u li din l-għażla kienet marbuta ma' raġuni tajba biex jagħmlu dan;

Tqis li dan ifisser li, fid-dawl tar-regola ewlenija tal-kuntratti li l-kuntratt huwa liġi bejn il-partijiet ("*pacta sunt servanda*"), kemm STG u kif ukoll l-istess APM għandhom il-jedd skond il-kuntratt ta' bejniethom li jtemmuh jekk kemm-il darba jkun hemm raġuni tajba biex dan isir. L-istess klawsola ssemmi x'inhuma ċ-ċirkostanzi li l-partijiet iqisu bħala raġuni tajba biex dan isir;

Tqis għalhekk li ma jeżistix jedd mad-daqqa t'għajn li parti f'kuntratt li jistabbilixxi kundizzjoni għat-temm tiegħu tirrikorri għall-ħruġ tal-Mandat biex twaqqaf lill-parti kontraenti l-oħra milli tħaddem l-istess kuntratt, jekk kemm-il darba tkun qamet xi waħda mill-kundizzjonijiet pattwiti li twassal għal dan;

Tqis ukoll li bil-pożizzjoni meħuda minn STG f'dawn l-atti (jiġifieri dik li ma tagħrafx is-siwi tal-kuntratt li fuqu tistrieħ APM), ma jista' qatt jiġri li

[7] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***
[8] P.A. JZM **30.1.2017** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Airmode Limited vs Malta International Airport p.l.c. et***
[9] Ara P.A. NC **11.3.2003** fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet ***IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali Kuntratti et***

STG tgħaddi biex ittemm ir-rabta ta' xiħaġa li hija tgħid li ma teżistix. Jekk kemm-il darba tagħżel li tagħmel dan, tkun qiegħda tagħti xhieda ta' nuqqas qawwi ta' bona fidi fejn f'daqqa tgħid ħaġa u f'ħin ieħor tagħmel ħaġ'oħra. Dan ukoll, jekk ikun hemm proċeduri oħrajn 'il quddiem, ikun għodda ta' rimedju għal APM;

Tqis li dwar il-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat u b'żieda ma' dak li diġa' ssemma qabel, ma hemm l-ebda dubju li APM għandha għad-dispożizzjoni tagħha rimedji oħrajn, ukoll ta' xejra kawtelatorja, x'tista' tinqeda bihom biex tħares il-pożizzjoni tagħha taħt il-kuntratt u l-biżgħa waħdu li STG tista' tgħaddi biex ittemm il-ftehim għaliex setgħet għamlet l-istess lil ħaddieħor ma jikkwalifikax, fil-fehma tal-Qorti, bħala raġuni li taħlaq il-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat jew tixhed il-ħsara irriversibbli li APM tgħid li tiġri li kieku t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat kellha ma tintlaqax;

Tqis, għalhekk, li r-rikorrenti ma seħħilhiex turi lill-Qorti li jeżistu l-elementi kostitutivi meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tal-kumpannija rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub;

**Tħassar** ***contrario imperio*** **d-degriet** tagħha tat-13 ta' Jannar, 2017, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju; u

**Tordna** li r-rikorrenti tħallas **l-ispejjeż** ta' din il-proċedura.

Mogħti kameralment illum, il-Hamis 2 ta' Marzu, 2017.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**